# Ġejja x-Xita (1)

GĦANJA FUQ IL-FEHMIET POPOLARI TA' DARI

Meta maltempata kbira
Riesqa tkun għal fuqna u ġejja,
Tlitt ijiem juġgħuni qabel,
Genbi, wrieki w irkobtejja.

Ir-raħħala, in-ngħaġ tagħha
Tmur biex taħleb u x'issib
Borża mkemmxa ġeww' idejha
F'daqqa nixfet mill-ħalib!

Ngħas tqil ġieni—xejn ma dari
U ma tgħidx dal-lejl ishart...
Waqt li l-kelb kont qiegħed nara
Żaqqu 'l fuq jitkagħbar fl-art.

Fil-għaxija xħin ġox-xefaq
Is-sultana tgħib u tnin
Jibda jberraq u jerġa' l-għada
Zewġt iljieli fuq xulxin.

Għelm illi l-imfietaħ l-ajru
Mingħajr qies qegħdin jarmaw,
Magħfusin minn sħabiet ħorox
Daqqa 'l hemm u l-oħra 'l haw'

Ġejja x-xita—l-għelq li xħetna
Ġewwa l-kus f'erbat iswaba'
Ilma, nieżel lejn il-qiegħ
Dalwaqt tara d-dinja sħaba!

Ilu l-qamar żewġt iljieli
Donnu felli tad-dulliegħ
Wieqaf wieqaf: iħabbrilna
Li l-maltemp qiegħed isieħ.

(1) Fl-aħħar ħarġa fil-Poeżija tas-sur R. M. B. *Mill-mewt għall-ħajja* fit-tieni vers ta' l-ewwel strofa, il-kelma *ntiret* trid tiġi *ntfiet*.

Meta joqrob ta' l-Użarju
Minn ġol-artijiet tas-sħana
Stenna tiġi miġja wrieżaq
Tarma twerżaq fuq l-art tagħna.

Kemm-il-darba jagħmel difa;
Għax għalihom dan trabokk!
Arah ġej bħal sħab imċarrat
'L hawn minn Nofs-in-Nhar sax-Xlokk.

Ġejja x-xita... qed iberraq
Lejn il-Lbiċ imil nofs riħ,
Awl-il-lejl jien rajt il-kwiekeb
Tinfed l-ajru w-iddub fih!

Ma jdumx, għedt, ir-riħ ma jonfoħ
Mnejn il-kwiekeb ġibdu u ġrew;
Għax mas-sebħ rajt il-qattusa
'L hemmhekk tħares sebħet sew,

Tobrox tħarbex—tobrox tħarbex...
U dufrejha ssinn w-issinn
U titkagħbar donnha ħmara
Daqqa 'l hawn u daqqa 'l hinn!

Bnazzi żejt—iżda l-imħalel
Riekba fuq xulxin ikissru
F'xatt il-baħar: maltempata
Jew uragan kbir ifissru!

* * *

Kanġu l-baħri—"dawna ftietaq
Kont nitlaqhom jien fil-ġenb"
Dawna qalli, "għax il-baħar
Hu li jikxef il-maltemp";

Qal: "Niftakar l-ewwel darba
Meta Tunes jien kont mort
Tal-maltemp sinjali rajna
Hekkif ħriġna minn ġol-Port.

Fuq il-gverta konna qiegħda—
S'issa l-baħar bnazzi żejt—
Wieħed-wieħed resqin lejna
Ħafna dniefel nara bdejt.

Bdew jitliegħbu, l-ilma jtajru
Rashom minn wiċċ l-ilma jtellgħu
Fuq xulxin ukoll jinxteħtu
Jien stħajjilthom qed jitbellhu.

Baħri xwejjaħ ħares lejhom:
Dak, qalilna, taf x'jinsiħ?
Dak ifisser illi barra
Hemm il-baħar jidres sħiħ!

R. M. B.